



Stqarrija għall-istampa

Alicante, 18 ta' Ġunju 2015

Studju ġdid sab li l-kumpaniji li huma proprjetarji ta' drittijiet ta' Propjetà Intellettwali għandhom prestazzjoni ekonomija ferm aħjar mill-kompetituri tagħhom

Il-kumpaniji li huma proprjetarji ta' drittijiet ta' propjetà intellettwali (IPRs) għandhom, b'mod ġenerali, 29 % dħul oġhla għal kull impjegat, madwar sitt darbiet aktar impjegati u jħallsu pagi li huma sa 20 % oġhla minn ditti li mhumiex proprjetarji ta' IPRs.

Dawn huma s-sejbiet ewlenin ta' studju mwettaq mill-**Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) li jaġixxi permezz tal-Osservatorju tal-UE dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Propjetà Intellettwali**

L-istudju, li huwa bbażat fuq dejta finanzjarja pubblika uffiċjali minn aktar minn 2.3 miljun ditta Ewropea, ikopri kumpaniji li huma proprjetarji ta' privattivi, marki kummerċjali u disinji kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak tal-UE.

Waħda mis-sejbiet ewlenin fl-istudju hija li parti żgħira mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-Ewropa huma proprjetarji ta' privattivi, marki kummerċjali jew disinji. Sab ukoll li dawk l-SMEs li huma proprjetarji ta' tali drittijiet għandhom kważi 32 % dħul oġhla għal kull impjegat - prestazzjoni ekonomika sinifikatament aħjar, u dan juri benefiċċji relattivi sinifikanti assoċjati mas-sjeda ta' IPRs. L-SMEs huma kumpaniji li jimpjegaw anqas minn 250 persuna u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-50 miljun euro.

António Campinos, President tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) qal: "L-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE, u l-istudju tagħna juri li d-drittijiet tal-IP huma assi ekonomiku għalihom.

Bil-ħolqien tal-bażijiet ta' dejta ta' marki kummerċjali u disinji mingħajr ħlas, globali tiegħu (TMview u DesignView), l-UASI diġà għamel disponibbli tfittxijiet tal-IPR għal miljuni ta' ditti u individwi. Madankollu, dan l-istudju juri li rridu nagħmlu aktar biex nipromwovu l-vantaġġi ekonomiċi tal-IP fost l-SMEs, li jibbenefikaw l-aktar minnha. L-għan tagħna huwa li ngħinu lill-SMEs jespjoraw b'mod sħiħ il-potenzjal ekonomiku tal-IPR tagħhom."

Dan ir-rapport, li jagħti ħarsa lejn il-kontribut tal-IPRs fil-livell tal-kumpaniji, huwa segwitu għall-ewwel analiżi fl-UE kollha tal-kontribut tal-industriji intensivi fl-IPR għall-prestazzjoni ekonomika u l-impjegi fl-Unjoni Ewropea.

Sab li madwar 40% tal-attività ekonomika totali fl-UE (madwar €4.7 triljun annwali) hija ġġenerata minn industriji intensivi fl-IPR, u madwar 35 % tal-impjegi kollha fl-UE (77 miljun impjeg) joriġinaw direttament jew indirittament mill-industriji li għandhom użu oġhla mill-medja ta' drittijiet tal-IP.

Aktar informazzjoni

- Rapport ġdid: [Intellectual property rights and firm performance in Europe: an economic analysis \(Drittijiet ta' proprjetà intellettuali u l-prestazzjoni tad-ditti fl-Ewropa: analiżi ekonomika\)](#) (Ġunju 2015)
- Rapport preċedenti: [Intellectual property rights intensive industries: contribution to economic performance and employment in the European Union \(Industriji intensivi fid-drittijiet ta' proprjetà intellettuali: kontribut għall-prestazzjoni ekonomika u l-impjiegi fl-Unjoni Ewropea\)](#) (Settembru 2013)

Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI):

<https://oami.europa.eu/ohimportal/en/>

Aktar informazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali hija disponibbli fuq:

http://ec.europa.eu/growth/industry/intellectual-property/index_en.htm

Kuntatti għall-istampa:

UASI

Luis Berenguer Gimenez

Kap tas-Servizz ta' Komunikazzjoni

Kabinet tal-President Tel: +34 965 13 9325

GSM:+34 680 493 669

Luis.BERENGUER@oami.europa.eu

TWITTER: @OAMITWEETS